MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Avviz Numru. 502/2003

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' MIRAGE HOLDINGS LIMITED (C6808)**

**-vs-**

**Angelino Abela u Charles Abela in rappresentanza tas-socjeta' JOHN ABELA LIMITED (C18181) u b'digriet tad-9 ta' Marzu 2006 giet kjamata in kwaza s-socjeta' estera GUARDINAGGIO PORTO MASIA & CO.**

**Il-Qorti,**

Rat li nhar is-sebgha (7) ta' Ottubru, 2003 fir-Registru ta' din il-Qorti, s-socjeta' attrici pprezentat avviz fejn talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4000) rappresentanti merkanzija ta' *white goods* u *spare parts*, liema konsenja kellha tigi trasportata mis-socjeta' JOHN ABELA LIMITED, minn Ostellato fl-Italja ghal Malta, liema

konsenja kellha tasal Malta fit-tieni gimgha ta' Ottubru 2002, ghas-socjeta' attrici MIRAGE HOLDINGS LIMITED, u dan skond ftehim bejn il-partijiet, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza.

Illi din il-konsenja ma gietx debitament konsenjata lis-socjeta' MIRAGE HOLDINGS LIMITED u dana minhabba tortijiet u negligenza unikament imputabbli lis-socjeta' JOHN ABELA LIMITED jew rappresentanti jew impjegati taghha.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta 'n subizzjoni u bl-imghax legali mid-data illi fiha kellha tasal il-konsenja.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' John Abela Limited, ipprezentata fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2004 (a fol. 17) fejn eccepiet is-segwenti:

*1. Illi preliminarjament it-talbiet huma preskritti skond il-Ligi u dan ai termini tal-Artiklu sitta (6) tal-Att 140 tal-Carriage of Goods by Sea Act.*

*2. Illi t-talbiet huma intempestivi stante illi din it-talba ma gietx mibdija b'ittra jew mezz iehor.*

*3. Illi ghandhom jigu kjamati in kawza l-awtoritajiet kompetenti tal-Port ta' Genova u d-ditta assikurattiva il-Millenium Insurance Agency Limited.*

Rat illi fis-seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Ottubru 2004 xehdet **Lucienne Cini** (a fol. 20) prodotta mill-kumpanija attrici fejn qalet li prezenzjalment kienet qeghda tipprezenta affidavit taghha, li qed jigi mmarkat Dok LC1 u li ghaddiet kopja tieghu lill-kontroparti. Hija kkonfermat il-kontenut ta' dan l-affidavit u d-dokumenti kollha annessi mieghu.

F'dan l-affidavit **Lucienne Cini** ddikjarat li hija Claims Executive mas-socjeta' Middlesea Insurance p.l.c. Qalet li fil-11 ta' Ottubru 2002 kienu rcevew notification dwar il-kaz in kwistjoni minghand l-agenti taghhom Melita

Insurance Agency Limited rigwardanti s-socjeta' Mirage Holdings Limited, li kienu koperti b'polza tat-tip "marine open cover", li esebiet kopja taghha li tinsab immarkata bhala Dok A1 sa A6 inkluzi.  Qalet ukoll li rcevew notification minghand Mirage Holdings Limited tramite l-agenzija Melita Insurance Agency limited, esebita u mmarkta Dok B, kif ukoll Fax li l-istess Mirage Holdings Limited ircevew minghand John Abela Limited, liema fax kienet tinforma lil Mirage Holdings Limited bis-serqa tal-merkanzija gewwa  l-Italja .  Din tinsab immarkata bhala Dok. C.

Kompliet tghid li huma kienu gew infurmati minn Mirage Holdings Limited li t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni ABI-015 kif ukoll it-trailer bin-numru TR-223, kienu nsterqu bl-affarijiet li kienu got-trailer, u fosthom kien hemm merkanzija proprjeta tas-socjeta' Mirage Holdings Limited. Esebiet kopja tar-rapport li sar ghand il-Pulizija mix-xufier tat-trakk, Anthony Abela, kif ukoll survey report li sar mis-socjeta' MSB Valletta Limited u stima tal-oggetti misruqin. Dawn gew immarkati bhala Dok D u E1 sa E10 inkluzi. Esebiet ukoll kopja tal-kont li s-socjeta' Middlesea Inurance  p.l.c. hallset lil MSB Valletta Limited ghas-survey, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. F.

Qalet li hafna mill-oggetti li nsterqu ghad-dannu tas-socjeta' Mirage Holdings Limited, kienu jikkonsistu fi *spare parts* u *tumble dryers*, u li sussegwentement l-istess Mirage Holdings Limited kienet talbet lis-socjeta' John Abela Limited biex taghmel tajjeb ghad-danni minnha sofferti, pero' din baqghet inadempjenti.  Ziedet tghid illi s-socjeta' Middlesea Insurance  p.l.c. kienet hallset lil Mirage Holdings Limited is-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4000) ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha taghha.

Qalet ukoll li sussegwentement is-socjeta' Mirage Holdings Limited kienet issurrogat lis-socjeta' Middlesea Insurance p.l.c. fid-drittijiet taghha kollha, u ghalhekk Middlesea Insurance  p.l.c. ipprocediet b'din il-kawza fil-konfront tas-socjeta' John Abela Limited.  Hawnhekk

esebiet kopja tad-*Discharge and Subrogation Form*, li giet immarkata bhala Dok. G.

Illi fl-ewwel (1) ta' Novembru 2004, is-socjeta' attrici pprezentat affidavit ta' **Pio Camilleri** (a fol. 42) Direttur tas-socjeta' Mirage Holdings Limited flimkien ma' tliet dokumenti. F'dan l-affidavit Pio Camilleri qal illi s-socjeta' taghhom inkarigat lis-socjeta' John Abela Limited biex tittrasportalhom ix-xoghol minn barra ghal Malta. Ikkonferma li s-socjeta' John Abela Limited ilhom jaghmlu dan ix-xoghol ghal Mirage Holdings Limited ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Qal li l-konsenja in kwistjoni kienet tikkonsisti fi tmenin (80) tumble dryer u kwantinta' ta' spare parts kif jidher mill-*invoices* datati tlieta (3) ta' Ottubru 2002 u li kopji taghhom jinsabu esebiti u mmarkati bhala Dok PC1 u PC2. Esebixxa wkoll is-*CMR Document*, li gie mmarkat bhala Dok PC3, li juri l-konsenja li tikkorrispondi mal-*invoices* u fejn jidher ukoll isem it-trasportatur cioe' John Abela Limited u isem is-*supplier*, jigifieri Fox Spa Di R Bompani ta' Via Emilia Est 1465, 41100, Modena, Italia.

Rigwardanti l-fatti tal-kaz qal li Charles Abela kien informah permezz ta' telefonata illi t-trailer kien insteraq mill-Port ta' Genova fl-Italja. Sussegwentement huma kienu ghamlu klejm tas-socjeta' assikuratrici taghhom, cioe' Middlesea Insurance p.l.c. Qal ukoll li mbaghad tramite l-brokers taghhom, Melita Insurance Agency Limited, huma kienu thallsu s-somma ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4000). Zied li minn naha taghha, s-socjeta' Mirage Holdings Limited kienet issurrogat lill-Middlesea Insurance p.l.c. fid-drittijiet u l-interessi kollha taghha fuq il-kaz in kwistjoni.

Rat li fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' April, 2005 xehed **Anthony Abela** (a fol. 62) fejn qal li huwa ilu mpjegat bhala xufier mal-kumpanija John Abela Limited ghal zmien twil. Qal li f'Ottubru tas-sena 2002 kien inkarigat sabiex isuq it-trailer tieghu u jwasslu fil-Port ta' Genova biex minn hemmhekk jitghabba halli jigi lura Malta. Ikkonferma li fil-fatt huwa wasal fil-Port ta' Genova, u kif jaghmel is-soltu, ipparkja t-trailer, ghadda d-dokumenti fl-

ufficcju u rega' mar lura ghat-trailer biex isuqu ghal gol-Port. Pero' dakinhar meta mar lura la sab it-trakk u lanqas it-trailer. Qal li t-trakk kien tal-marka Duff, bin-numru tar-registrazzjoni ABI 015. Qal li huwa kien qed igorr merkanzija ghal hafna mportaturi, u fosthom kien hemm merkanzija ta' Mirage Holdings Limited. Kompla jghid li malli nduna li nsterqulu t-trakk u t-trailer ghamel rapport mal-Pulizija ta' Genova u nforma mmedjatament lis-sidien tat-trakk, John Abela Limited. Gie muri kopja tar-rapport li ghamel ghand il-Pulizija, fejn gharaf il-firma tieghu u kkonferma wkoll il-kontenut tieghu. Qal ukoll li l-merkanzija ta' Mirage Holdings Limited kienet tikkonsisti f'*tumble dryers* u *white goods* ohra. Cahad li huwa joqghod jezamina l-valur tal-merkanzija li jkun qed igorr u dan ghalkemm f'idu jkollu l-*invoices* taghhom.

In kontro-ezami qal li l-procedura tal-port hija li t-trakk u t-trailer jithallew hdejn il-gate tal-port u qabel ma ddahhalhom trid tghaddi card. Insista li huwa t-trakk ikun hallieh imsakkar u c-cwievet ikunu ghandu. Qal li fil-fatt it-trakk ghandu cavetta wahda li jissakkar biha u jistartja biha wkoll. Stqarr li ghandu l-impressjoni li ghalkemm it-trakk ikun ipparkjat barra l-gate, hemmhekk xorta wahda jaghmel parti mill-port.

Rat illi fil-hamsa (5) ta' Mejju 2005 is-socjeta' konvenuta John Abela Limited ipprezentat rikors (a fol. 64) fejn qalet is-segwenti:

*"Illi biha qieghed jesebixxi l-annessi dokumenti fejn jirrizulta illi l-Millenium Insurance Agency Limited ta' 14, Vincenti Buildings 1 / 2, Triq id-Dejqa, Valletta, kienet responsabbli ghall-Freight Transport Liability tal-konvenut John Abela Limited u jinforma wkoll lill-Onorabbli Qorti illi s-socjeta' Guardinaggio Porto Masia & Co. ta' Via Rigola Rinaldo 44, 16149 Genova, Italia, hija s-socjeta' responsabbli mis-sigurta' gewwa l-Port ta' Genova minn fejn gie misruq it-trailer u ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob illi ghandhom jigu kjamati 'n kawza dawn iz-zewg socjetajiet."*

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 Dr. Mark Attard Montalto ghas-socjeta' attrici pprezenta risposta (a fol. 94) ghar-rikors tal-konvenuti tal-5 ta' Mejju 2005 fejn espona s-segwenti:

*"Illi s-socjeta' assikurattiva taghmel referenza ghar-rikors ipprezentat mis-socjeta' konvenuta John Abela Limited (C18181), fil-hamsa (5) ta' Mejju 2005, fejn fl-istess rikors is-socjeta' John Abela Limited, talbet li jigu kjamati in kawza:*

*(i) is-socjeta' Taljana Guardinaggio Porto Masia & Co; kif ukoll*
*(ii) is-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited.*

*Illi a rigward is-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited, bir-rispett kollu din is-socjeta' m'ghandha x'taqsam xejn fl-imsemmija kawza u dan peress li s-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited kienet biss 'agent' ghall-ftehim tas-socjeta' Mirage Holdings Limited u s-socjeta' assikurattiva Middlesea Insurance p.l.c. – is-socjeta' attrici li giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Mirage Holdings Limited. Ghalhekk is-socjeta' Millenium ma tiffokax fil-kwadru u ma hemm ebda bzonn li jiddahhlu bhala kjamati in kawza, ghajr li jittawlu l-proceduri tal-kawza, u ghajr sabiex ihaxxen il-process tal-Qorti inutilment.*

*Illi a rigward is-socjeta' estera Guardinaggio Porto Masia & Co, is-socjeta' esponenti topponi ghal kollox li tali socjeta' tiddahhal kjamat in kawza u dan stante l-fatt li l-ewwel u qabel kollox it-talbiet tas-socjeta' attrici kif surrogati jirrigwardaw id-danni li sofriet is-socjeta' attrici kif surrogata minhabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant anke hawn is-socjeta' Guardinaggio Porto Masia & Co, ma ghandha x'taqsam propjament xejn. Is-socjeta' attrici kif surrogata ma dahlet f'ebda kuntratt ma' din is-socjeta' u ma ghandha x'taqsam xejn mal-ksur tal-obbligi kuntrattwali tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi inoltre din l-Onorabbli Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni kontra din is-socjeta' li hija socjeta' Taljana, b'sede l-Italja, li topera l-Italja u li ma ghandha x'taqsam propjament xejn la mas-socjeta' attrici kif surrogata u lanqas mas-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant hawn ukoll dan l-attentat mis-socjeta' konvenuta sabiex jintroducu parti gdida f'dawn il-proceduri, huwa attentat totalment inutili u wkoll intiz sabiex ihaxxen il-process inutilment u tistultifika ghal kollox il-proceduri f'kawza pjuttost semplici.*

*Ghalhekk bl-akbar rispett, minhabba dawn ir-ragunijiet kollha, u minhabba li ma tezisti ebda gustifikazzjoni fattwali jew legali, s-socjeta' esponenti topponi ghal tali talbiet kif intavolati fir-rikors tas-socjeta' John Abela Limited tal-hamsa (5) ta' Mejju 2005."*

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-verbal tad-disgha (9) ta' Marzu 2006 (a fol. 100) li jghid dan li gej:

Il-Qorti, b'referenza ghar-rikors tal-konvenuti ghal kjamat in kawza taz-zewg socjetajiet;

"*Il-Qorti wara li rat tali rikors u wara li rat ir-risposta tal-atturi, qeghda tipprovdi billi fejn jirrigwarda s-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited, l-interess ta' din is-socjeta' huwa esklussivament ibbazat fuq kuntratt ta' assikurazzjoni bejn din il-kumpanija u l-konvenut u xi responsabbilta' jista' jkollha din il-kumpanija lejn il-konvenut a bazi ta' tali kuntratt mhux mertu ta' din il-kawza;*

*Ghar-rigward is-socjeta' l-ohra billi d-danni kkawzati lill-importaturi jista' jkun attribwibbli ghal xi nuqqasijiet tal-istess socjeta' qed tilqa' t-talba ghal kjamat in kawza tas-socjeta' estera Guardinaggio Porto Masia & Co skond il-ligijiet vigenti filwaqt li tichad it-talba fil-konfront tas-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited."*

Rat ix-xhieda ta' **Anthony Abela** in kontro-ezami, moghtija minnu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2009 ( a fol. 140), fejn b'referenza ghad-dokument esebit

fl-atti a fol. 31 qal li huwa ma jafx bit-Taljan, pero' jaf li kien ghamel dikjarazzjoni lill-pulizija ta' Genove, u gharaf il-firma tieghu fuq id-dokument. Ikkonferma li huwa kien id-driver involut f'dan l-incident. Ftakar li kien wasal Genova ghall-habta tal-hdax neqsin kwart u halla t-trailer gewwa t-terminal sabiex meta jasal il-vapur dan jitghabba. Qal li jista' jkun li ghamel jumejn jistenna gewwa Genova. Qal ukoll li meta jkun ha joqghod overnight go Genova, jmur go lukanda bit-trakk imwahhal mat-trailer, pero' dakinhar it-trakk kien gewwa d-Dwana ta' Genova. Ikkonferma wkoll li t-trakk insteraq bit-trailer b'kollox, li f'dan il-kaz it-trailer kien imwahhal mat-trakk u li meta nsterqu kienu gewwa t-terminal.

Zied jghid li Piazza San Benigno tinsab mal-hajt tal-borderline. Stqarr li fuq it-terminal kien ghadu ma dahalx ghaliex ma kienux qalulu f'liema terminal kellu jidhol, u peress li ma kienx jaf f'liema terminal ha jibaghtuh mar jorqod go lukanda. Qal li biex tidhol fit-terminal ma jsir l-ebda hlas. Insista li meta jhalli t-trakk is-soltu jipparkjah, jillokkjah u jaqla' c-cwievet. Naturalment, zied, it-trailer ikollu katnazz. Meta gie mistoqsi jekk is-socjeta' John Abela Limited kienitx baghtet xi ittra lill-port ta' Genova, wiegeb li sa fejn jaf hu kienet baghtet, pero' hu jahdem biss bhala driver u mhux inkarigat mill-affarijiet tal-ufficcju.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Carmel Abela** moghtija minnu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2009 (a fol. 142), fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur u azzjonist tas-socjeta' John Abela Limited. Ikkonferma li huma kienu kitbu kemm lill-port ta' Genova, u anke lis-socjeta' Maltija li tiehu hsieb il-port gewwa Genova, fejn kienu zammewhom responsabbli. Kienu sahansitra kitbu lill-Ambaxxata Maltija, pero' baqghu bla risposta. Mistoqsi wkoll jekk kienu istitwew xi proceduri gewwa l-Italja, wiegeb fin-negattiv.

Kompla jghid li biex tidhol gol-port ta' Genova hemm speci ta' barrier li titla' u tinzel, u mbaghad hemm bieb tal-hadid biex tidhol gol-port. Qal li peress li dak iz-zmien Malta kienet ghadha mhix membru tal-Unjoni Ewropea, kont trid tmur tghaddi l-karti ghand l-agent biex jghaddihomlok mid-

Dwana. Jekk ikunu jafu f'liema terminal trid tidhol, idahhluk mill-ewwel. Qal ukoll li matul il-lejl il-port ta' Genova jkun maghluq u ma tithalliex tidhol jekk ma tkunx ghall-pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea. Ikkonferma li ma rcevew l-ebda twegiba la minn Genova u lanqas mill-pulizija Taljana.

Cahad dak li gie suggerit lilu mill-Avukat tas-socjeta' attrici, li fil-port m'hemmx ufficjali tad-Dwana, anzi zied li hemm persuni li huma responsabbli mill-kancell u li dawn huma mpjegati tad-Dwana. Insista li mhumiex fizzjali imma gwardjani. Ipprometta li fis-seduta ta' wara kien se jesebixxi kopja ta' l-ittri li baghat lill-Ufficjali gewwa l-Italja.

Imbaghad rega' xehed fil-11 ta' Marzu 2009 (a fol. 145) fejn esebixxa zewg ittri li kien baghat fil-hmistax (15) ta' Novembru 2002 tramite l-Avukat tieghu Dr. Martin Fenech, lis-socjeta' li tinsab gewwa Genova, liema zewg ittri gew immarkati mill-Qorti bhala Dok CA1 u CA2. Esebixxa wkoll ittra ohra li kienet indirizzata lill-Pulizija ta' Genova, kif ukoll zewg dokumenti ohra datati 27 ta' April 2007 u 23 ta' Gunju 2008, fejn huma kienu nnotifikaw ufficjalment lis-socjeta' kjamata 'n kawza, u li gew immarkati bhala Dok CA3 u CA4.

Rat illi fis-sittax (16) ta' Marzu, 2010 l-Avukati Difensuri tal-partijiet trattaw il-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti in breve huma is-segwenti:-

Illi nhar id-disgha t'Ottubru, 2002 Anthony Abela kien gej lura Malta bil-merkanizja tas-socjeta' Mirage Holdings Limited, fost merkanizja ohra, gewwa trailer li kien fuq wara ta' trakk li kien qed isuq mill-Italja ghal Malta. Anthony Abela ma kienx car wisq fix-xhieda li ta, ghaliex filwaqt li l-ewwel darba li xehed jghid li huwa pparkja t-trakk barra mill-gate tal-port ta' Genoa sabiex jghaddi l-karti (ghaliex dak iz-zmien - fis-sena 2002 - Malta ma kinitx parti mill-Unjoni Ewropeja u ghalhekk kien hemm

procedura differenti) u waqt li kien fl-ufficcini nsteraqlu t-trakk bit-trailer b'kollox. Waqt li fit-tieni xhieda li ta jghid li huwa kien ghadda mill-ewwel barrier, dahal fil-port ta' Genoa pero' ma kienx ghadu pparkja t-trakk fit-terminal ghaliex kien ghadu ma jafx liema kien, u waqt li kien qed ighaddi l-karti mad-Dwana t-trakk insteraqlu. Jghid li t-trakk kien imsakkar u t-trailer sahanistra kellu katnazz. Minnufih pero' ighid li huwa ghamel rapport relattiv lill-Pulizija esekuttiva Taljana (fol. 31) dwar din is-serqa, u fil-fatt esebixxa r-rapport relattiv, u in segwitu' nforma lis-sidien tat-trukk b'dak li kien gara.

Minn ezami tar-rapport li Anthony Abela ghamel lill-pulizija Taljana jirrizulta li t-trakk effettivament ma kienx fir-recint tal-Port izda barra. Ex admisses hemm rapportat hekk " In data 7 Ottobre verso le ore 22.00 circa lasciavo regolarmente in sosta sulla rampa che porta al piazzale San Begnino del Porto **<u>fuori dalla cinta portuale"</u>**

Illi l-konvenut John Abela Limited jecepixxi bhala eccezzjoni tieghu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 6 tal-Carriage of Goods by Sea Act kapitolu 140 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' l-preskrizzjoni b'gheluq sena.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-
**6."** *Kemm-il darba ma jinghatax avviz bil-miktub tat-telf jew hsara u tan-natura generali ta' dak it-telf jew ta' dik il-hsara lill-vettura jew l-agent tieghu fil-port tal-hatt qabel jew waqt il-kunsinna tal-merkanzija fil-kustodja tal-persuna li jkollha dritt tirceviha bis-sahha tal-kuntratt tal-garr, jew, jekk it-telf jew hsara ma jkunux jidhru, fi zmien tlitt ijiem, dik il-kunsinna tkun prova prima facie tal-kunsinna mill-vettura tal-merkanzija kif indikata fil-polza tat-taghbija.*

*M'hemmx ghalfejn jinghata l-avviz bil-miktub jekk meta giet mehuda l-merkanzija l-istat taghha gie ezaminat jew spezzjonat miz-zewg partijiet flimkien.*

*F'kull kaz il-vettura u <u>l-bastiment ikunu mehlusin minn kull responsabbiltà dwar telf jew hsara kemm-il darba ma ssirx kawza fi zmien sena mill-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data meta l-merkanzija jkun imissha giet kunsinnata</u>."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li l-azzjoni ‘n kwistjoni tigi preskritta una volta l-attur ma jagixxix fi zmien sena minn meta ssir il-kunsinna tal-merkanzija jew mid-data ta’ meta l-merkanzija messha giet kunsinnata.

L-artikolu 102 tal-Kap 12 jipprovdi s-segwenti:-
**“102.** *Where any legal or judicial time is to be reckoned from a stated day, such day shall not be considered as included in the time itself; and where it is to be reckoned by hours, the hour in which service is effected shall not be considered as included in the time*.”

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-azzjoni giet prezentata fis-7 ta’ Ottubru 2003 waqt li s-serqa tal-merkanzija saret fis-7 ta’ Ottubru 2002 u ghalhekk zgur li l-kwisjtoni ta’ sena ma tapplikax f’dan il-kaz. Ghaliex il-granet huma *dies a quo*. Illi ghalhekk l-azzjoni saret entro s-sena zgur ghaliex l-merkanzija kienet ghadha l-Italja fis-7 t’Ottubru 2002, u ghalhekk zgur li ma kellhiex tkun gja konsenjata lir-ricevitur. Illi din l-azzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni lok il-konvenut John Abela Limited ecepixxa l-intempestivita’ tal-azzjoni ghaliex is-socjeta attrici ma baghtet l-ebda intimazzjoni qabel l-avviz odjern. Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ Mirage Holdings Limited ghaliex kienet ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti minnha fl-ammont t’erbat elef lira Maltin (LM4,000). Illi jirrizulta li din is-socjeta’ Mirage Holdings Limited kienet ikkomunikat mas-socjeta’ assikuratrici dwar dan il-*claim*, pero’ s-socjeta’ konvenuta ma hassitx li kienet responsabbli ghad-danni sofferti minnha u ma resqet ghall-ebda likwidazzjoni tad-danni, u kien ghalhekk li s-socjeta’ Mirage Holdings Limited issurrogat lis-socjeta’ attrici sabiex tintavola dan l-avviz wara li thallset minghandha. Illi din is-serqa tat-trakk u trailer saret nhar it-2 ta’ Ottubru 2002 u l-avviz gie intavolat fis-7 ta’ ottubru 2003 u ghalhekk kieku is-socjeta’ konvenuta John Abela Limited et riedet tissetilja dan il-*claim* kellha c-cans kollu li tghamel hekk, izda ghazlet li dan ma taghmlux. Zgur pero’ li din l-eccezzjoni ma tregix.

Dwar it-tielet ecezzjoni, fejn is-socjeta’ konvenuta et talbet li jigu kjamati ‘n kawza l-awtoritajiet kompetenti tal-Port ta’ Genova u d-ditta assikurattiva Millenium Insurance Agency Limited, din il-Qorti diversament preseduta kienet gja cahdet it-talba fil-konfront tas-socjeta’ Millenium Insurance Agency Limited permezz tad-digriet imsemmi aktar ‘l fuq u laqghet it-talba fil-konfront tal-awtoritajiet tal-Port ta’ Genoa. Illi dawn gew notifikati nhar l-10 ta’ Marzu 2007 kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol 118 tal-process, izda baqghu kontumaci u ma pprezentaw l-ebda risposta. Nonostante dan pero’, l-konvenut et nomine xorta kellu l-obbligu li jipprova li l-Awtoritajiet ta’ Genoa kienu responsabbli ghas-serqa ‘n kwistjoni u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li t-trakk kien taht il-kustodja taghhom. Kien jispetta lill-konvenut et nomine jipprova dan il-fatt stante li dawn gew kjamati ‘n kawza fuq talba taghhom – haga li m’ghamlux u ghalhekk din il-Qorti ma tistax izommhom responsabbli ghal dawn id-danni reklamati mis-socjeta’ attrici.

Dwar il-mertu l-konvenut et nomine ma pprezentaw l-ebda eccezzjoni, lanqas fuq il-*quantum*, u ghalhekk stante li m’hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-valur mitlub mis-socjeta’ attrici, din il-Qorti tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta et ghandha thallas dan l-ammont gja likwidat t’erbat elef lira Maltin (LM4,000) lis-socjeta’ attrici.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qed tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ John Abela Limited, qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma t’erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) ekwivalenti ghal disat elef tliet mija u sbatax-il Euro u disgha w erbghin centezmu (€9317.49).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------